

Brussell, 8 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14826/24

SPORT 73

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ir-rwol tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bħala gwida għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-25 u s-26 ta' Novembru 2024.

Dibattitu ta' orjentazzjoni
dwar ir-rwol tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport

Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport¹ (ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-2021) tirrikonoxxi li l-organizzazzjoni tal-isport fl-Ewropa hija bbażata fuq id-dritt fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u fuq valuri, bħas-solidarjetà bejn il-livelli differenti fl-isport, b'mod partikolari bejn l-isport professjonali u dak tal-massa, il-korrettezza, l-integrità, il-ftuħ, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-governanza tajba. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-2021 tirrikonoxxi wkoll li l-karatteristiċi ewlenin għall-biċċa l-kbira tal-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fl-Ewropa jirrappreżentaw organizzazzjoni tal-isport fuq bażi awtonoma, demokratika u territorjali bi struttura piramidali, li tinkludi l-livelli kollha tal-isport mill-isport tal-massa għal dak professjonali, li tkopri kemm il-kompetizzjonijiet tal-klabbs kif ukoll dawk nazzjonali u inklud mekkaniżmi biex jiġu żgurati s-solidarjetà finanzjarja, il-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet, bħall-prinċipju tal-promozzjoni u r-relegazzjoni. L-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fl-Ewropa normalment huwa strutturat fuq bażi nazzjonali u, fil-prinċipju, organizzat minn federazzjoni waħda għal kull sport, li jippermetti approċċ komprensiv għar-regoli, ir-regolamenti u l-istandards kif ukoll jirrispetta l-kalendarji tal-kompetizzjonijiet u l-kwalifikazzjoni għall-kompetizzjonijiet. Dawn l-organizzazzjonijiet huma impenjati lejn is-solidarjetà finanzjarja bejn l-isport professjonali u dak tal-massa kif ukoll lejn l-ogħla livelli ta' governanza tajba, id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, is-saħħa mentali u fiżika u s-sikurezza tal-atleti, għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u għall-promozzjoni tal-integrità tal-isport.

¹ Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021.

Konsegwentement, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2021 tistieden lill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-moviment sportiv biex jappoġġaw il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, l-istruttura piramidali, is-sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, approċċ tal-massa u solidarjetà, ir-rwol fl-identità nazzjonali, il-bini tal-komunità u l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja kif ukoll il-funzjonijiet soċjali, edukattivi, kulturali u tas-saħħa tiegħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE. Tistieden ukoll lill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-moviment sportiv biex jesploraw aktar u jkompli bid-diskussjonijiet li għaddejjin mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-isport dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport.

Il-Parlament Ewropew irrikonoxxa wkoll l-importanza ta' Mudell Ewropew tal-Isport ibbażat fuq il-valuri, l-attivitajiet volontarji u s-solidarjetà fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport². Irrikonoxxa wkoll id-diversità tal-approċċi fl-isport u fil-pajjiżi differenti filwaqt li qies li l-pedament komuni tal-isport Ewropew jeħtieġ li jkompli jissaħħaħ u jiġi protett, b'mod partikolari r-rabtiet bejn l-isport tal-massa u l-isport tal-ogħla livell. F'dan ir-rigward, appella għal Mudell Ewropew tal-Isport li jirrikonoxxi l-hteġa għal impenn qawwi biex jiġu integrati l-prinċipji tas-solidarjetà, is-sostenibbiltà, l-inklużività għal kulħadd, il-kompetizzjoni miftuħa, il-mertu sportiv u l-korrettezza.

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem (2021/2058(INI)), ĠU C 224, 8.6.2022, p. 2–10.

L-istudju dwar il-Mudell Ewropew tal-Isport – Rapport lill-Kummissjoni Ewropea³, April 2022, qies ir-rilevanza li għad għandhom il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, bħall-istruttura piramidali, il-kompetizzjoni miftuħa, is-solidarjetà, l-awtonomija, il-volontarjat u r-rwol tal-valuri Ewropej. L-istudju eżamina wkoll kif xi xejriet kbar jaffettwaw l-evoluzzjoni tal-Mudell Ewropew tal-Isport, bħall-internazzjonalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, ir-ridistribuzzjoni tad-dħul mill-isport tal-ogħla livell għall-isport tal-massa, l-istrutturi ta' kompetizzjoni magħluqa potenzjali, iż-żieda tal-importanza tal-governanza tajba, ix-xejriet tal-volontarjat, l-abitudnijiet tal-isport u xi xejriet ewlenin oħra. L-istudju jsemmi wkoll xi lakuni, pereżempju fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ir-rabta tiegħu mal-valuri Ewropej u l-ħtieġa għal linji gwida aktar ċari lejn mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni u solidarjetà.

Sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppubblikati fil-21 ta' Diċembru 2023⁴ u fl-4 ta' Ottubru 2024⁵ għandhom ukoll impatt fuq id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport. F'dan l-isfond, fi Frar 2024, 26 ministru tal-UE għall-isport ħarġu dikjarazzjoni li fiha fakkru fl-importanza tal-protezzjoni u t-tisħiħ ta' sport ibbażat fuq is-solidarjetà u l-valuri f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport⁶. Fid-dikjarazzjoni, il-ministri appellaw, fost l-oħrajn, biex jissaħħu aktar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport bħala l-viżjoni u l-qafas tal-UE għall-futur fit-tul tal-isport Ewropew u stiednu lill-Kummissjoni tirrifletti fuq modi xierqa biex tiġi segwita r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2021 rigward is-salvagwardja tal-ftuħ tal-kompetizzjonijiet, il-mertu sportiv, l-integrità, is-solidarjetà u l-valuri fl-isport.

³ Il-Kummissjoni Ewropea, Sennett, J., Le Gall, A., Kelly, G. et al., "Study on the European Sport Model – A report to the European Commission", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁴ 1: Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, Talba għal deċiżjoni preliminari fil-proċedura European Superleague Company SL vs Fédération internationale de football association (FIFA), Union of European Football Associations (UEFA), C-333/21, Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023;

2: Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, International Skating Union vs Kummissjoni Ewropea, C-124/21 P, Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023;

3: Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, Talba għal deċiżjoni preliminari fil-proċedura SA Royal Antwerp Football Club vs Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA), C-680/21, Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023.

⁵ Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, Talba għal deċiżjoni preliminari fil-proċedura Fédération internationale de football association (FIFA) vs BZ, C-650/22, Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024.

⁶ <https://www.sports.gouv.fr/declaration-des-ministres-des-sports-europeens-pour-un-modele-sportif-base-sur-la-solidarite-le>

Wieħed mill-objettivi gwida tal-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2024-2027) huwa li jiġu appoġġati, esplorati aktar u li jibqgħu għaddejn id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport⁷. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa dokument strateġiku ġdid fit-tul dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar l-isport, inkluż dwar il-promozzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport u dwar l-integrazzjoni tal-isport f'politiki oħra tal-UE, sa tmiem l-2026. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport jipprevedi wkoll studju dwar l-iżviluppi, it-theddid u l-opportunitajiet futuri li għandhom impatt fuq il-Mudell Ewropew tal-Isport.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa f'waqtu li l-ministri tal-UE għall-isport ikollhom il-possibbiltà li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-iżviluppi reċenti u l-perspettivi futuri fir-rigward tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, fil-kuntest tal-futur tal-politika tal-UE dwar l-isport.

MISTOQSIJET GĦAD-DIBATTITU

1. Liema karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport taħsbu li għandhom jissaħħu aktar biex jiġu ppreservati l-valuri tal-isport fl-Ewropa u kif? Fil-fehma tagħkom, kif tista' l-ħidma futura prevista fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2024-2027 tappoġġa dan bl-aħjar mod, anke fid-dawl tad-dokument strateġiku fit-tul li jmiss dwar il-futur tal-politika tal-isport tal-UE u l-istudju ppjanat?
2. Liema metodi u azzjonijiet fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE jistgħu jimmotivaw il-moviment sportiv biex isaħħaħ ir-rabta bejn l-isport professjonali u dak tal-massa, inkluż il-mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja?

⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 - 31 ta' Diċembru 2027), ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024.